**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 77/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmel Attard**

**Illum 23 ta' Mejju, 2023,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Carmel Attard detenur tal-karta tal-identita Maltija 1018747 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli nhar is-26 ta' Mejju, 2022, għall-ħabta tat-08:30hrs, ġewwa Triq Raddet ir-Roti, San Pawl il-Baħar u/jew fil-Gżejjer Maltin;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Anna Faniello f'periklu car, ikkaġġunalu/ha ħsara fil-ġisem jew fis-sahha liema ħsara hija ta' natura hafifa hekk kif iċċertifika/t minn Dr. Jonathan Grech, detentur tan-numru tar-registru mediku 4653.

2. U aktar talli volontarjament kiser il-paċi pubblika u/jew il-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-14 ta' Frar, 2023, fejn il-Qorti wara li rat artikolu 221 (1) tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lill-imputat Carmel Attard ħati tal- ewwel imputazzjoni u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) filwaqt li lliberatu mit-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti harget Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-hati u dan bil- kundizzjonijiet kollha elenkati f'digriet moghti kontestwalment ma' din is- sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jonathan Attard, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha **TIRRIFORMA U TVARJA** s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mogħtija fl-14 ta' Frar, 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Attard** billi fl-ewwel lok **TIKKONFERMA** dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u fit-tieni lok **TĦASSAR, TIKKANCELLA U TIRREVOKA** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena u fin-nuqqas ta' liberazzjoni, **TĦASSAR, TIKKANCELLA u TIRREVOKA** dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu għal Ordni ta' Trażżin għal perjodu ta' tlett snin u minflok tvarja s- sentenza billi tbiddel il-piena f'waħda anqas ħarxa.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Carmel Attard li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**<u>L-Ewwel Aggravju</u>**

1. L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda il-fatt illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha meta sabitu ħati tal- ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

2. Kif inhu risaput, fil-kamp penali l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuża. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l- aħjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri. Da parti tagħha l-Qorti għandha d-dmir li ssib ħtija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti b'tali mod li ma jħallux dubju rajonevoli dwar il-kolpevolezza tal-imputat. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza mogħtija nhar i |-5 ta' Diċembru, 1997 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Peter Ebejer</u>** irriteniet li "*dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il- fatt li trid tipprova I-Prosekuzzjoni.*" Gie għalhekk ritenut li fejn hemm dubju ragonevoli fil-provi, dan għandu jmur favur l-imputatu - Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha.

3. F'dan il-kaz jidher li l-Ewwel Qorti strahet ampjament fuq ix-xhieda tal-kwerelanti u tal-partner tagħha Veronica Barth filwaqt li ma kkonsidratx il-b'mod adegwat diversi inkonsistenzi fid-depożizzjoni tagħhom, l-imgieba tal-kwerelanti nnifisha u wkoll il-verzjoni tal-appellant kif ikkorraborata minn Ronald Camilleri.

4. Il-kwerelanti u Veronica Barth jinsistu li l-appellant ta daqqa ta' ħarta lill-kwerelanti, mentri minn naha l-oħra kemm Ronald Camilleri u anke I-appellant innifsu xehedu li l-appellant sempliċiment imbutta lill-kwerelanti l-barra mill-appartament tagħhom għaliex f'dak il-mument beża' għall-

inkolumita' tiegħu innifsu u kif ukoll ta' Ronald Camilleri. Dawn kienu l- unika xhieda li kienu prezenti fil-mument tal-akkadut. Hija l-umli fehma tal-appellant li l-Ewwel Qorti, rinfaċċjata b'verżjonijiet kontrastanti ta' kif seħħew il-fatti, kellha tagħmel eżami iktar akkurat ta' din ix-xhieda sabiex minnhom tislet liema waħda minnhom hija l-aktar kredibbli u verosimili. Hija l-konvinzjoni tal-appellant illi kieku l-Ewwel Qorti għamlet dan I- eżerċizzju kienet tikkonkludi li dak li xehdu l-kwerelanti u l-partner tagħha ma kellux jingħata daqstant piz, u dan għar-ragunjiet li ser isegwu hawn taħt.

5. Fl-ewwel lok, għandu jigi osservat li mill-provi miġjuba rriżulta li <u>l-imġieba tal-kwerelanti kienet waħda konfrontattiva</u>. Irriżulta mingħajr ombra ta' dubju li l-Laqgħa tal-Condominium li nżammet nhar it-22 ta' Mejju, 2022, erbat ijiem biss qabel, thassret unikament minħabba l-aġir tal-kwerelanti (li ma għandha ebda rwol f'din il-Laqgħa) li f'hin minnhom ħarget mill- appartament fejn tirrisjedi u bdiet tgħajjat u tgħajjar lill-appellant. F'dan ir-rigward, Martin Messina, xhud indipendenti, xehed hekk: "*Mela, konna qed nagħmlu l-meeting u konna qegħdin barra fl-indana qed nagħmlu l- meeting imbagħad harget Anna Faniello u bdiet tgħajjat u qam l-inkwiet, kulhadd beda jgħajjat. U ahna tlaqna barra... Ijja. Bdiet tgħidlu "korrott"*."

6. In-natura konfrontattiva tal-kwerelanti tirriżulta wkoll mill-fatt (ukoll mhux ikkontestat) li għalkemm kienet Veronica Barth li marret thabbat fuq il- bieb ta' l-appellant u ta' Ronald Camilleri tant li inizjalment il- konversazzjoni kienet qed isseħħ bejn dawn it-tlieta min-nies, fil-pront il- kwerelanti hatfet l-okkazjoni biex, mhux biss tipparteċipa f'din il- konfrontazzjoni, iżda addirittura tkun fuq quddiem tagħha, u dan meta fi kliemha stess "*Jiena sadanittant dhalt gewwa biex ngħid lil Veronica. Quddiem il-bibien hux. U Veronica kienet tkellem lilhom... Waqt li jiena qiegħda għajn ma għajn ma' dan ma' Ronnie, Carmel kien qiegħed wara.*"

7. Fit-tieni lok, <u>l-Ewwel Qorti skartat kompletament ix-xhieda ta' Ronald Camilleri</u> li kien fiċ-ċentru ta' dak li kien qiegħed iseħħ u li xehed hekk: "*U msomma u giet u kwazi dahlet għandna, mhux dahlet għandna u Charles kulma għamel*

*minn warajja għax jien kont quddiemu mbuttaha barra.*" Ir-raġunijiet għaliex l-Ewwel Qorti skartat din ix- xhieda ma tirriżultax mis-sentenza appellata.

8. Fit-tielet lok, hija wkoll il-fehma tal-appellant li l-Ewwel Qorti kellha tagħti aktar piz lill-fatt li sa mill-bidu l-intenzjoni tal-appellant kienet li jevita kwalunkwe diskussjoni mal-kwerelenti u l-*partner* tagħha Veronica Barth, tant li kkonfrontat bis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha l-appellant fittex I- assistenza tal-Pulizija. Dan il-fatt (ukoll mhux ikkontestat) huwa indikattiv tal-attitudini tal-appellant, li tajjeb li jiġi mfakkar li huwa raġel anzjan li fiż- żmien tal-akkadut kellu 74 sena. Għandu jingħad ukoll li meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant caħad bl-aktar mod kategoriku l-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u xehed hekk: "*Jiena ta' hamsa u sebgħin sena qatt fhajti qatt fhajti ma tajt daqqa lil hadd. Nichad bil- qawwa kollha li jiena tajt xi daqqa lis-sinjura Faniello.*"

9. L-agir li tiegħu instab hati l-appellant, u cioe' li huwa ta "*daqqa ta' harta*" lill-kwerelanti, ma huwiex kompatibbli mal-atteġġament assunt mill- appellant sa mill-bidu nett tal-episodji li seħħew nhar is-26 ta' Mejju, 2022. Ma jsegwi l-ebda logika li l-appellant jaqleb minn estrem fejn jipprova jevita kull konfront għall-estrem ieħor li jasal biex jagħti daqqa ta' harta. Minn naħa l-oħra, mill-assjem tal-provi jidher biċ-ċar li l-kwerelanti għamlet minn kollox biex tfittex il-konfront. Il-kwerelanti daħlet irrabjata minn barra t-triq, iddefset fid-diskussjoni li kienet għaddejja bejn Veronica Barth, Ronald Camilleri u l-appellant, u bdiet tgħajjat u tagħmel minaċċji fil-konfront ta' Ronald Camilleri u tal-appellant.

10. Fl-umli fehma tal-appellant tajjeb illi l-Onorabbeli Qorti tinnota wkoll li l-verżjoni tal-appellant baqgħet kostanti sa minn meta *a tempo vergine* kien ta l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija fejn spjega li huwa kien "*imbotta Ill Anna Ibarra biex hi u Ronald ma jigux fl-idejn. Carmel cahad li taghha daqqa go wicca bic-catt lil Anna*" - u dan kif jirriżulta mill-affidavit ta' PC 2375 Mary Zammit.

11. Tenut kont tas-suespost, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tkun moralment konvinta li f'dan il-każ l-appellant kien ikkaguna l-ħsara fuq ix-xoffa tal-

kwerelanti msemmija fiċ-ċertifikat mediku esebit mill-Prosekuzzjoni. Il-verzjoni tal-appellant u ta' Ronald Camilleri dwar id-dinamika tal-inċident hija aktar verosimili u dan apparti l-fatt li l-verżjoni tal-appellant baqgħet kostanti kemm f'dak li qal lill-Pulizija u anke fix-xhieda tiegħu quddiem l- Ewwel Qorti.

12. Finalment, u għalkemm ma saritx referenza għaliha fis-sentenza appellata, l-appellant iħoss li, għal fini ta' kompletezza, jkun opportun jagħmel rimarka dwar ix-xhieda mogħtija minn Geraldine Noel li xehdet li għalkemm ma kienitx preżenti għall-inċident, kienet rat marka hamra fuq wiċċ il-kwerelanti. F'dan ir-rigward l-appellant jillimita ruhu biex jgħid li Geraldine Noel ma hijiex xhud kredibbli. Geraldine Noel, li hija waħda mis- sidien fil-blokk tal-appartamenti, ilha snin twal għaddejja bi kruċjata kontra l-appellant u ħafna mis-sidien l-oħra tal-blokk li spiss wasslu għall- proċeduri ġudizzjarji kemm ta' natura ċivili u anke kriminali, u li whud minnhom għadhom pendenti sal-lum. L-aħħar waħda minn dawn is- sentenzi kienet dik mogħtija nhar il-25 ta' Jannar, 2023 fil-kawza fl-ismijiet Charles Attard et vs Geraldine Noel fejn il-Qorti tal-Appell għar-ragunijiet hemm imfissra qieset "*... iktar kredibbli l-verżjoni tal-attur Attard li l- konvenuta kienet ukoll neħħiet id-drain pipe tiegħu u minflok poġġiet tagħha (ara affidavit a fol. 44).*"

**It-Tieni Aggravju**

13. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju tal-appellant u f'każ li din l-Onorabbli Qorti ma jogħġobhiex tilqa' l-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant umilment jissottometti li l-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti kienet waħda żbaljata billi l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-elementi tal-legittima difesa sollevata mill-appellant.

14. Dwar din id-difiża fin-noti tiegħu il-**Professur Mamo** jgħid:

*"The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent."*

15. L-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

"**223**. *Ma hemmx reat meta omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."*

*16.* Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Farugia** il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1] spjegat fid-dettall l-origini tal-principju maħsub f'dan l-artikolu u rriteniet hekk:

*"Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni għall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil- legittima difesa trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu imminenti ... Wiehed irid jpoggi lilu nniffsu fil-posizzjoni li ikun fiha l-imputat kemm mentalment kif wkoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa għar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tiegħu li kien ser jigi aggredit..."*

17. F'din l-istess sentenza dik il-Qorti kompliet tispjega li sabiex tirriżulta l-iskriminanti ta' din id-difiża huwa meħtieġ li jirriżultaw tlett elementi, u cioe' irid ikun hemm perikolu minaċċjat liema perikolu għandu jkun ingust, gravi u inevitabbli.

18. Dwar l-ewwel element u cioe li l-aggressjoni trid tkun ingusta, ġie ritenut li mhuwiex neċessarju li jkun hemm vjolenza għaliex il-Kodiċi Kriminali jittratta biss fuq "offiza". Ir-rekwiżit tal-gravita imbagħad jeżiġi li jkun hemm proporzjoni bejn l-offiża u r-reazzjoni. Finalment biex l-perikolu jkun inevitabbli dan irid ikun ġie f'daqqa u għalhekk ma jkunx anticipat b'ċertezza għaliex inkella dak l-aġir ikun jammonta għal provokazzjoni u mhux għal legittima difesa.

19. Hija l-umli fehema tal-appellant illi meta wieħed iqis il-fatti ta' dan il-kaz, għandu jirrizulta li huwa proprju dak li għamel l-appellant. L-appellant kien konvint li huwa aġixxa taħt id-difiża tal-legittima difesa u dan għaliex huwa iddefenda ruħu u lil Ronald Camilleri mill-perikolu li kien mhux gust, gravi u inevitabbli, stante l-aggressjoni li kienu qegħdin jigu ssoġġettati għaliha da parti tal-kwerelanti.

20. F'dan ir-rgward l-appellant xehed hekk: "*Notwithstanding all this, f'daqqa wahda giet is-sinjura Faniello minn warajha, giet ixxammar, tgħajjat, tkellimna hazin, tinsulentana. Issa din is-sitwazzjoni Sinjura Magistrat, Ronald Camilleri u s-sinjura Faniello kienu wicc ma' wicc, hekk. Kien jonqos xrara biex jaqbdu f'xulxin. Xrara kien jonqos. Dak il-hin jiena iva, imbuttajt is-sinjura Faniello I barra biex insalva s-sitwazzjoni għax hakimni biza' kbir illi kieku m'għamiltx hekk konna nispiccaw Kordin. Kieku m'ahniex hawn, qegħdin il-habs bli kien se jigri jew konna nispiccaw Mater Dei. U għalaqna l-bieb bir-rogħda fuqi... Is-sinjura Faniello dahlitli zewg passi gewwa gol-flat tiegħi. Dahlet zewg passi gewwa. Hawn qed nixhed bil-gurament. Dahlitli zewg passi gol-flat tiegħi, gol-appartament tiegħi. Kieku jiena ma mbuttajthiex 'il barra kieku kien se jigri d-demm. Jien hakimni biza' kbir dak il-hin.*"

21. Fuq l-istess binarju kienet il-verzjoni ta' Ronald Camilleri li xehed hekk: "*Imsomma u Faniello giet b'rabja "Għax ma nibza' minn hadd", "Ma nibzax mill-*

*awtorita" u hafna affarijiet hekk. Ghidtilha "All right." M'għidtilha xejn jiena. Jigifieri bdiet tgħajjat, konna wicc imb' wicc biex nitkellem ezatt għax jiena argumentajt ukoll għax ifhimni, ir-reaction tal-bniedem hija xi haga normali li inti qed tirrabja miegħek meta għamilt xogħol kif suppost għalija. U msomma u giet u kwazi dahlet għandna, mhux dahlet għandna u Charles kulma għamel minn warajja għax jien kont quddiemu mbuttaha. Imbuttaha I barra."*

22. Wara kollox kienet l-istess appellant li fuq domandi li sarulha in kontro- ezami ammettiet li kienet irrabjata. Il-kwerelenti xehdet hekk:

*"Dr. Alan Keith Zerafa: All right. Imma mhux hekk saqsejtek jiena. X'kien l-istat tiegħek. Jigifieri emozzjonalment kont irrabjata, kont kuntenta, kien hemm l-għajjat?*

<u>*Xhud:*</u> *Kulhadd kien irrabjat dakinhar."*

23. Il-fatt li kien hemm kommosjoni ġie rikonoxxut anke mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, iżda minkejja dan sabet li tali kommossjoni ma kienetx teħtieġ l-intervent fiziku tal-appellant. Bid-dovut rispett, dak li għamel 1-appellant kien li rreaġixxa għal sitwazzjoni li kien affrontat biha. Ir- reazzjoni tal-appellant kienet proporzjonata mal-aggressjoni li hu u Ronald Camilleri kienu qegħdin jigu ssoggettati għaliha. Kull ma għamel l- appellant kien li huwa imbotta lill-kwerelanti l'barra mill-appartament tiegħu biex jiġi evitat il-periklu li l-"kommossjoni" tiddegenera. L-appellant kien gustifikat li aġixxa b'dak il-mod u għalhekk ma jistgħax jingħad li l- appellant eċċeda fir-reazzjoni tiegħu. Dwar jekk l-appellanti sempliċiment imbotta lill-kwerelenati jew kif ġie allegat li "ta daqqa ta' harta", u a skans ta' ripetizzjoni, l-appellant jagħmel referenza għas-sottomissjonijiet minnu magħmula fir-rigward tal-ewwel aggravju tiegħu.

<u>**It-Tielet Aggravju**</u>

24. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel u t-tieni aggravji tal-appellant u f'każ biss li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma l-ħtija għar-rigward tal- ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, qiegħed jiġi sottomess li l- Ordni ta' Trażżin għal perjodu ta' tlett snin (oltre l-multa ta' €250) imposta mill-Ewwel Qorti ma hijiex idoneja fiċ-ċirkostanzi.

25. Fl-umli fehma tal-appellant hemm lok għal temperament konsiderevoli fil-piena li, meta wieħed jikkonsidra l-fatti kollha tal-każ, hija waħda esagerata u sproporzjonata. L-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati saħqu fuq il-bżonn li l-piena għandha tkun mezz riformattiv aktar milli deterrent. Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>** ingħad illi: "*...llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal- imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad- delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi għandu jsegwi t-triq it-tajba*".

26. F'dan il-każ, tenut kont li:

a. l-appellant u l-kwerelanti huma girien, u

b. jirrisjedu f'appartamenti li jinsabu fl-istess indana tal-blokk bil-bibieb tagħhom faċċata ta' xulxin, u

c. l-appellant huwa l-Amministratur tal-Condominium,

qiegħed jiġi umilment sottomess li l-Ordni ta' Trażżin għal perjodu ta' tlett snin (fil-massimu tagħha) hija waħda eċċessiva kemm fid-dawl taċ- ċirkostanzi kif seħħew f'dan il-każ u anke fid-dawl tal-fedina penali tal- appellant li hija waħda netta. Tali Ordni ta' Trażżin tesponi lill-appellant għal allegazzjonijiet li jistgħu isiru fil-konfront tiegħu. L-appellant għandu l-jedd li bħal kull cittadin ieħor jgħix b'mod seren u mhux fil-biża' kostanti li l-kwerelanti ssib xi skuża biex takkużah li huwa jkun kiser xi waħda mill- projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet imposti fuqu minn tali ordni.

34. Għalhekk il-piena kif inflitta mill-Ewwel Qorti ma toħloqx bilanċ bejn l- aspett retributtiv u dak riformattiv, tant aċċenat mill-Qrati tagħna.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-18 ta' April, 2023.

**Ikkunsidrat,**

Illi in breve il-fatti tal-kawza huma is-segwenti. L-appellant fil-kwalita tieghu ta' amministratur ta' blokok appartamenti bl-isem 'Feria', Apartments, fi Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, San Pawl il-Bahar kien zamm laqgha ghall-membri tal-Condominium u din inzammet fil-komun tal-blokka. Nhar it-22 ta' Mejju, 2022, f'xi hin l-kwerelanti harget mill-appartament li kienet fih u bdiet tghajjar u tghajjat mal-appellanti u tingurjah bil-kelma 'korrott' u ghalhekk il-laqgha kellha tintemm ta' malajr. Nhar is-26 ta' Mejju, 2022 l-appellant flimkien ma Ronald Camilleri kienu ser johorgu bil-vettura ta' Ronald Camilleri li kienet ipparkjata proprju quddiem il-blokka meta innutaw l-vettura tal-kwerelanti kienet ipparkjata b'tali mod li kienet qed tostakola l-vettura tas-sur Camilleri. Minhabba dak li kien sehh xi jiem qabel iddecidew li icemplu lill-pulizija biex b'hekk tkun il-pulizija li taghmel kuntatt mal-kwerelanti u tordnalha iccaqlaq il-vettura taghha. Li gara hu li wara li l-pulizija ghamlet kuntatt mal-kwerelanti l-*partner* taghha certu Veronica Barth iddecidiet li tmur thabbat il-bieb tal-appellant u ta' Ronald Camilleri biex b'hekk tkkonfronthom u dan ghaliex fil-fehma taghha l-appellant u Camilleri ma kellhomx ghalfejn icemplu lill-pulizija. Ftit tal-hin wara dahlet il-kwerelanti minn barra it-triq u kienet irrabjata u allegatament l-kwerelanti Anna Faniello bdiet ghal darb' ohra tghajjat u titkellem hazin u tghidilhom li ma tibza' minn hadd lanqas mill-pulizija. L-appellanti jghid fix-xhieda tieghu li dak il-hin kien imbezza' u mbotta lill-kwerelanti 'l hemm stante li dak il-hin kienet tinsab fl-appartament tieghu u ta' Camilleri u ghalaq il-bieb warajha.

Fl-ewwel aggravju l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u m'ghamlitx apprezzament akkurat ta' dak li xehdu ix-xhieda.

Illi kif ritenuto fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **il-Pulizija vs William Misud**[1] din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] intqal:-

> *kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-29 ta Settembru 2020

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

*Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha*[3]

*Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.*

*Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.*

---

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

*Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.*[4]

L-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Ghalhekk din il-Qorti sabiex tara jekk effettivament l-Ewwel Qorti ghamlitx ezercizzju li hu safe and satisfactory meta giet biex taghmel apprezzament tax-xhieda, hija kellha tifli l-process u tezamina fid-dettal dak kollu li ntqal mix-xhieda prodotta mill-partijiet quddiem l-Qorti.

Jinghad li l-Ewwel Qorti hija aktar vantggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ikunu xehdu quddiema viva voce u ghalhekk dik il-Qorti tkun tista' taghmel apprezzament tal-imgieba taghhom waqt li xhud qed jiddeponi u tezamina l-istess xhieda fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex b'hekk tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hiex ser temmnu jew ma temmnux. Jigi imfakkar kif dispost fl-artikolu 537 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li:-

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

*id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

**Ikkunsidrat;**

Illi nhar l-11 ta' Gunju, 2022, PS 2375 Mary Zammit irrilaxxjat l-affidavit taghha li gie esebit f'dawn l-atti fis-seduta tal-25 t' Ottubru, 2022, u din ikkonfermat li nhar is-26 ta' Mejju, 2022 ghall-habta tad-9.20 a.m Anna Faniello flimkien mal-partner taghha Veronika Barth irraportat gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra fejn stqarret li aktar kmieni dakinhar stess ghall-habta tat-8.15am giet ikkuntatjata mill-pulizija tad-distrett fuq il-mobile li kienet qieghda tghalaq garaxx gewwa Triq Raddett ir-Roti, San Pawl il-Bahar.

Anna stqarret li ftit minuti wara x'hin marret biex iccaqlaq il-vettura taghha li kienet qed taghlaq ir-rampa tal-blokka innutat zewg vetturi ipparkjati fuq l-istess rampa. Hija stqarret li kellmet lil persuna femminili li kienet fejn il-Jeep fejn staqsietha '*Int cempilt lil pulizija biex incaqlaq il-vettura*?' u din irrispondietha fin-negattiv u ghalhekk issuspettat li kien cempel lill-pulizija sid il-vettura l-ohra li joqghod fl-istess blokka taghhom cioe Feria, Triq Raddet ir-Roti, San Pawl il-Bahar.

Veronica Barth imbaghad marret gewwa Feria Court fejn habtet fuq bieb flat 2 u hemmhekk hareg Carmel l-appellant flimkien ma Ronald waqt li Anna qaghdet tistennihom barra. Staqsiethom jekk kienux huma li kienu cemplu lill-pulizija u wegbuha fil-pozittiv. Staqsiethom jekk kellhomx bzonn li icaqalqu il-vettura wegbuha fin-negattiv. Allura Veronica staqsiethom ghaliex kienu prorpju cemplu lill-pulizija u dawn wegbuha li mhux suppost tipparkja hemm. Veronica kompliet tghidlu li imbaghad dawn iz-zewgt irgiel bdew jghajjtu u Anna dahlet gol-komun fejnha.

Anna stqarret li imbaghad telghet fejn Veronica u regghet qaltilhom jekk cemplux lill-pulizija u qalulha l-istess kif kienu qalu lil Veronica u kemm Carmel u kemm Ronald bdew jghajjtu u bdew jargumentaw maghhom. Anna kompliet li Ronald beda jipponta subajgh ma wiccha. Hija stqarret li mbaghad f'hin minnhom Carmel qallha *'lilna hallina bi kwiet'* u fajrilha daqqa fuq wiccha u Anna qaltlu "Int mara tigi ssawwat" u Veronica imbaghad marret iccempel lill-pulizija. Hija stqarret li mbaghad Ronald qal lil Carmel biex jidhol gewwa. Anna u Veronica mbaghad telqu u marru lura gewwa l-flat taghhom ukoll li hu faccata tal-flat ta' Carmel u Ronald fl-istess blokka. Anna kompliet tistqarr li kif hargu mill-flat biex jigu l-ghassa jaghmlu rapport Carmel qalilha *'mignuna'* u hi qaltlu *' mignuna jien? Korrot'*"

Nhar is-26 ta' Mejju, 2022, ghall-habta ta' 10.40 a.m Carmel u Ronald irrikorrew gewwa l-ghassa tal-Qawra u dawn inghataw id-dritt ta' l-assistenza legali u dawn irrinunzjaw ghal tali dritt.

Il-Pulizija tkellmet ukoll ma' Carmel u dan stqarr li xi xahar u nofs qabel kellu inkwiet m' Anna fejn kienet bdiet targumenta mieghu ghaliex kien qed jipparkja l-vettura tieghu fir-rampa tal-blokka Feria Apartments, Triq Raddet ir-Roti, San Pawl il-Bahar. Carmel stqarr li kien ipprova jispjegalha li hu kien ilu jipparkja hemm hekk erbghin sena u li sahansitra ghandu l-vit tal-ilma ghax dan kien qed jghamlu b'arrangament mal-propretarji l-ohra tal-blokka. Stqarr li f'daqqqa wahda Anna infexxet tghajjru f'nofs it-triq u tghidlu b'lehen gholi *'intom fucken egoisti'* u rrepetietha ghal diversi drabi u Carmel dahal gewwa l-flat tieghu u ma kellimhiex.

Carmel kompla li bhala amministratur ta' l-istess blokka fit-22 ta' Mejju, 2022, ghamel appuntament fl-10.00 fil-komun mal-propretarji tal-blokka fejn qalilhom li ser jirrizenja mill-kariga tieghu peress l' Anna kienet insulentatu quddiem in-nies. Huwa stqarr li fil-laqgha kienu qed jiddiskutu normali biex jinhatar amministratur gdid meta f'daqqa wahda Anna harget mill-flat taghha u cioe' Flat 4, u bdiet tghajru *'Inti fuckin korrot'* ghall diversi drabi. Huwa stqarr li rrispondiha "*int mara pastaza'* pero' dakinhar hu ma rraportax biex izomm l-affarijiet kwieti. Huwa stqarr li semghuha r-residenti li

kienu prezenti dak il-hin cioe' Mario Abela, Martin Messina, Edwina Vassallo u Veronica Barth.

Carmel stqarr li nhar is-26 ta' Mejju, 2022 kif qamu hu u Ronald raw lil Anna li kienet ipparkjat il-vettura taghha griza skura tal-ghamla Citroen li kienet qed timblokka l-vetturi li kienu fuq ir-rampa tal-blokka u mal-arblu stqarr hemm *sticker* tal-*garage in use*. Huwa stqarr li biex ma jmorrux jhabbtulha hu cempel l-ghassa tal-Qawra biex Anna tmur iccaqlaq il-vettura. Carmel stqarr li kif kienu gewwa jiehdu bela café, flat 3 'Feira' Apartments, Triq Raddet ir-roti, San Pawl il-Bahar semghu tahbita kbira u hadu qatgha.

Carmel stqarr li hu baqa' gewwa l-flat kif Ronald fetah il-bieb u kompla li mbaghad telghet Anna gewwa il-flat taghhom u qaltlu '*jien ghala zobbi mill-pulizija*' u bdiet targumenta ma Ronald. Carmel imbaghad imbotta lil Anna 'l barra biex hi u Ronald ma jigux fl-idejn. Carmel cahad li taghha daqqa go wiccha bic-catt.

Huwa stqarr li Veronica dak il-hin bdiet tigbed il Anna 'l barra ukoll. Carmel stqarr li mbaghad ghalqu l-bieb hadu belgha café u ddeciedew li jmorru jaghmlu rapport l-ghassa. Carmel kompla li kif hargu barra wara tlett kwarti hu u Ronald sabu lil Anna fejn bdiet tghajjru '*korrot il-flus li ghandek dahhalhom f'sormok, ja pufta taqilghu f'sormok*' u hu rrispondiha '*Int mara Pastaza, imissek tisthi*. Jiena meta gejtu toqghodu hawn hekk hadt pjacir bikom u sahansitra stedintkom biex tigu tiehdu te' ghandi u imbaghad telqu minn fuq il-post.

Ronald qabel ma dak kollu li qal Carmel rigward is-26 ta' Mejju, 2022. Huwa stqarr li kif fetah l-bieb tal-flat dakinhar sab lil Veronica fejn staqsieha x'kienet il-problema u hi qaltlu ghalfejn kien cempel lil pulizija ghal diversi drabi u hu rrepeta l-istess diskors u bdew jghajjtu u dak il-hin dahlet Anna.

Ronald stqarr li Anna kienet aggressiva hekk kif resqet ma wiccu u bdiet taghjjat. Huwa kompla li fl-ebda hin ma pponta subghajh lejha. Ronald stqarr li qaltlu jekk hux hiereg mill-*parking* u rrispondiha li le u imbaghad hu u Carmel dahlu l-gewwa.

Ronald stqarr li x'hin imbaghad huma hargu barra semgha lil Anna tinsulenta lil Carmel l-istess insulti li stqarr Carmel.

Dakinhar stess ghall-habta tat-1.00 p.m Anna Faniello gabet certfikat ta' griehi ta' natura hafifa mahruga minn Dr. Jonathon Grech. Anna giet nfurmatha li kienu ser jinhargu l-akkuzi kontriha rigward insulti.

Nhar is-27 ta' Mejju, 2022 ghall-habta tas-18.30 Carmel gie kkuntattjat fuq il-mobile tieghu sabiex jaghti d-dettalji tax-xhieda. Ghal habta tas-19.00 Mario Abela, Martin Messina u Edwina Vassallo gew ikkuntattjati fuq il-mobile sabiex jigu gewwa l-ghassa tal-Qawra fejn dawn stqarru li ser jirrikorru gewwa l-ghassa aktar tard.

Ghal habta tas-19.30 Mario Abela irrikorra gewwa l-ghassa tal-Qawra. Mario stqarr li fit-22 ta' Mejju 2022 hu kien prezenti ghal laqgha li kellhom mal-amministratur tal-blokka li hu Carmel. Mario stqarr li kif harget mill-flat, lil Anna semaghha tghajjar lil Carmel 'Int korrot, pero' ma jiftakarx Carmel jirrispondiha lura.

Mario kompla li kif semaghhom jillitikaw huwa nizel it-tarag u mar fil-flat tieghu. Huwa kompla li Carmel u Anna ilhom imqabbdin ma xulxin ghal xi zmien.

Nhar it-28 ta' Mejju, 2022 ghall-habta tas-01.00pm Edwina Vassallo irrikorriet gewwa l-ghassa tal-Qawra. Edwina stqarret li hi kienet prezenti ghal laqgha dakinhar mal-amministratur tal-blokka. Stqarret li fit-22 ta' Mejju, Anna harget mill-flat u bdew jitghajru hi u Carmel bejniethom pero' Edwina ma tafx xi kliem intqal.

Nhar it-30 ta' Mejju, 2022, ghall-habta tat-07.50a.m Veronica giet ikkuntattjata fuq il-mobile fejn stqarret li ser tirrikorri gewwa l-ghassa tal-Qawra aktar tard. Ghal habta tat-08.00 a.m, Martin Messina gie ikkunttatjat fuq il-mobile fejn stqarr li ser jirrikorri gewwa l-ghassa nhar il-31 ta' Mejju, 2022.

Dakinhar stess ghall-habta tad-8.50 a.m Veronica Barth irraportat gewwa l-ghassa tal-Qawra fejn stqarret bl-ingliz li fit-22 ta' Mejju, 2022, ghal habta tal-10.00 malli kellhom il-meeting, il-persuni ta' l-istess blokka bdew ma jaqblux rigward certu fatturi u ghalhekk hi qalet li kienet ser titlaq. Veronica kompliet li mbaghad Carmel beda jinsulentaha pero' ma tiftakarx il-kliem x'kien ezatt. Hija kompliet li rrispondietu bl-Ingliz *"Don't dare leave my metting, if you leave now you're gonna regret it."* Veronica ziedet li x'hin marret biex tiftah il-bieb tal-flat Anna harget u hi u Carmel bdew jiddiskutu u jargumetnaw bejniethom pero' hija ma tiftakarx il-kliem ezatt li qalu lil xulxin.

Nhar il-31 ta' Mejju ghall-habta tas-1.20 p.m Martin Messina irrikorra gewwa l-ghassa tal-Qawra. Huwa stqarr li nhar it-22 ta' Mejju, 2022, waqt li kien prezenti ghal laqgha tal-komun Anna lil Carmel vera qaltlu *'Int fuckin korrot'* ghal diversi drabi u hu irrispondiha *'int mara pastaza'*. Martin stqarr li malli mbaghad bdew jghajjtu u jargumentaw bejniethom hu u l-propretarji l-ohra marru lura fil-flat taghhom.

Rat ix-xhieda ta' **Edwina Vassallo** moghtija nhar il-25 t' Ottubru, 2022[5] u kkonfermat li hija taf kemm lil Carmel Attard kif ukoll lil Anna Faniello ghaliex fis-sajf tghix hdejhom fl-appartment imsejjah 'Feria' Triq Raddett ir-Roti, Xemxija. Qalet li Carmel Attard imur hemm ukoll fis-sajf. Tghid li tiftakar li fil-general meeting kien inqala hafna ghajjat u hija telqet tigri ghaliex ma hiex imdorrija ghal dak l-ghajjat. Tghid li min beda ma tafx izda taf li ma jaqblu xejn bejniethom. Ikkonfermat li is-sur Attard huwa l-adminisitrator tal-blokka u ilu hekk ghal diversi snin filwaqt li s-sinjura Faniello m'ghandhiex proprjeta hemmhekk izda hija habiba ta' Veronica Barth u

[5] Fol. 23 ta l-atti

peress li Veronica ma titkellimx bil-Malti tidhol Anna Faniella u titkellem hi. Mistoqsi fuq x' hiex kienet id-diskussjoni bejn Attard u Faniello tghid li ma tafx.

Rat ix-xhieda ta' **Mario Abela** moghtija nhar il-25 t' Ottubru 2022[6] u kkonferma li Carmel Attard u Anna Faniello jghixu fl-appartamenti Feria, Triq Raddett ir-Roti, Xemxija Jghid li dik is-sena kien inqala argument waqt meting tal-fats u Anna Faniello ghajjret lil Carmel Attard li hu korrott. Mistoqsi jekk jafx fuq x'hiex kienet il-laqgha jghid li ma jafx. Jghid li kien hemm konfuzjoni u kulhadd telaq l' isfel. Huwa gharaf lill-imputat bhala Carmel Attard u lill-kwrelanta bhala Anna Faniello. Jikkonferma li din il-laqgha tal-condominium jinzamm darba kull sitt xhur. Qal li s-sur Attard huwa l-amministratur tal-condominium.

**Martin Messina** xehed nhar l-14 ta' Frar 2023[7] u jghid li kien jum il-Hadd meta kienu qed jaghmlu general meeting f'Mejju, 2022 u kienu barra fl-indana u harget Anna Faniello u bdiet tghajjat u qam l-inkwiet. Kulhadd beda jghajjat u telqu 'l barra. Qal li l-flats jinsabu fi triq ir-Raddet ir-Roti, Ix-Xemxija Qal li s-sinjura Faniello tghix fil-flat numru 4 u lil Attard dakinhar ghajritu korrott.

**Geraldine Noel** xehdet nhar l-14 ta' Frar,2023[8] bil-lingwa Ingliza tradotta ghal Malti mill-Qorti u tikkonfema li hija s-sid tal-flat numru 1 fil-bokka Feria Apartments. Qalet li kien ilu ghandha ghal madwar tmien snin. L-flat taghha jinsab fis-sular t' isfel fuq il-lemin waqt li s-sur Attard jghix fil-flat ta' fuqha, fil-flat numru 3 waqt li Anna Faniello tghix fin-numru 4. Tiftakar li darba minnhom waqt li kienet qed titlaq mid-dar Anna marret fuqha u staqsietha jekk kienitx cemplet lill-pulizija ghax l-vettura taghha kienet qed timblokka l-vettura taghha u tas-sur Attard u qaltilha li ma kienitx hi li cemplitilhom u qaltilha wisq probabli taf min kien. Veronica dak il-hin dahlet gewwa u wara ftit Anna dahlet warajha. Fil-hin tghid li semghet hafna ghajjat gej mill-indana ta' gewwa. Imbaghad Anna u Veronica hargu fuq il-gallerija u rat li Anna

---

[6] Fol. 27 ta' l-atti
[7] Fol. 32 ta' l-atti
[8] Fol. 36 ta l-atti

kellha wiccha ahmar u li kienet qed izommu. Rat marka hamra fuqu. Dak il-hin qalet li Carmel kien taha daqqa u qaltilha li jiddispjaciha u telqet 'l hemm sabiex tmur ix-xoghol. Ikkonfermat in kontro ezami li fl-eba hin ma rat lis-sur Attard jaghti daqqa lil Anna u kkonfermat li ma tifhimx il-lingwa Maltija.

**Anna Faniello** xehdet nhar l-14 ta' Frar, 2023[9] u stqarret li hija toqghod fl-apartment numru 4 Ta' Feria appartments, Triq Raddett ir-roti, Xemxija. Qalet li s-sur Carmel Attard l-appellant joqghod faccata taghha u huwa l-adminsitrator tal-blokka. Qalet li nhar is-26 ta' Mejju, 2022, ghall-habta tat-8.00 a.m irceviet telefonata minghand il-pulizija li qalulha li kienet ipparkjat il-karozza quddiem garage. Hija ghalhekk harget barra u rat lil Geraldine u staqsietha jekk kienitx cemplet lill-pulizija u wiegbet fin-negattiv. Minnufih hasbet li setgha kien Carmel Attard. Dak il-hin Veronica li tghix maghha fi flat 4 harget mill-bieb u staqsietha x'kien gara u qaltli halli x'aktarx Carmel kien cempel lill-pulizija biex iccaqlaq il-karozza taghha. Veronica marret thabbat ghand is-sur Attard. Dak il-hin staqsietu jekk riedx johrog u wegibha fin-negattiv u ghalhekk staqsietu ghaliex kien cempel l-ghassa u dan qallha ghaliex il-karozza ma thallihiex hemmhekk. Imbaghad kelma ggib ohra. Imbaghad hareg sieheb is-sur Attard certu Ronnie u dan beda jippunta subajgh lejha. Waqt li kienet qed titkellem ma dan Ronnie is-sur Attard fajrilha daqqa f'wiccha. Tghid li kienet daqqa ta' harta b'hamsa mill-leminija minn wara Ronnie. Dak il-hin Veronica qaltlu issa daqshekk li terfa' idek. Qalet dan ghaliex kienu ilhom ghaddejjin bit-tikketta u ma jhallu lil hadd bi kwiethom.

Spjegat ukoll li nhar it-22 ta' Mejju, 2022, kien hemm *meeting* u qaltlu korrott.

Dakinhar tas-26 ta' Mejju, 2022 wara l-incident hija bidlet hwejjigha u marret taghmel rapport l-ghassa u qalulha biex tmur il-polyclinic biex iggib certfikat mediku. Murija c-certifikat mediku esebit fl-atti rilaxxjat minn Dr. Jonathon Grech tikkonferma li dan kien ic-certfikat li nghatat dakinhar u li ghaddiet lill-pulizija.

---

[9] Fol. 40 tal-atti

In kontro ezami mistoqsija fejn kien is-sur Attard meta taha daqqa ta' harta tghid li kien fil-komun hdejn il-bieb tieghu fuq n-naha ta' barra. Tghid li dakinhar kienet irrabbjata li s-sur Attard kien cempel lill-pulizija flok ma kien qal lilha biex iccaqlaq il-karozza. Tghid li dakinhar kulhadd kien irrabbjat.

L-appellant **Carmel Attard** xehed minn rajh u b'mod volontarju nhar l-14 ta' Frar, 2023.[10] Jichad li kien ta' daqqa ta' harta lis-sinjura Faniello. Spjega li dakinhar tas-26 ta' Mejju, 2022, jghid li kienu bi kwiethom u jistqarr li kellhom appuntament biex jiehdu l-karozza ta' Ronald u cioe' l-Aygo Toyota Hal Luqa u dan ghaliex kellha daqqa u kien hemm karozza pparkjata tissikhom u ma setghax johrog. Jghid li din il-karozza kienet tas-sinjura Faniello. Jghid li cempel l-ghassa minhabba dak li kien gara il-Hadd ta' qabel u dawn cemplulha biex tmexxi l-karozza F'daqqa u l-hin jisma tahbita qawwija fuq il-bieb taht li kwazi qalghet il-bieb mic-caccis u kien hemm is-sinjura Veronica Barth. Din bdiet tghajjat 'Did you ring the police' u qalulha 'Yes'. Ronald mar jiftah u qallha 'because we want to move the car'. Jichad li qal li ma riedux iccaqilqu l-karozza. U qallha li kellu appuntament mal-*panel beater* Hal Luqa. F'daqqa u l-hin giet is-sinjura Faniello minn wara titkellem hazin tghajjat u tinsulenta. Is-sinjura Faniello qalet il-kliem '*Jien ghala zobbi mill-pulizija', 'il-karozza ma rridx innehhihilkom.*". Ronald Camilleri u is-sinjura Faniello kienu wicc imb' wicc. Kien jonqos biss li jaqbdu f'xulxin. Xrara kien jonqos. Dak il-hin imbutta lis-sinjura Faniello 'l barra biex isalva s-sitwazzjoni ghax hakmitu biza' kbir illi kieku m'ghamilx hekk kienu jispiccaw Kordin. Wara ghalqu l-bieb bir-roghda u komplew jiehdu t-te u wara marru jaghmlu rapport l-ghassa.

Jghid li l-Hadd ta' qabel waqt laqgha ta' bejn is-sidien tal-flats li kien sejjah hu sabiex jirrizenja minn amministratur is-sinjura Faniello kienet insulentatu fuq l-karozza fuq *parking*. Qalet '*Jiena ghala zobbi minn kulhadd. Jien irgiel kelli nisa kelli. Ma nibzax minnek ma nibza' minn hadd'*.

[10] Fol. 49 tal-atti

Qal li ghalhekk kien imbuttaha nhar is-26 ta' Mejju, 2023 sforz il-biza' li kellu minnha. Jghid li s-sinjura Faniello kienet dahlet zewg passi l-gewwa mill-flat tieghu meta huwa imbottaha 'l hemm. Jghid li fl-ebda hin ma missilha wiccha.

**Ronald Camilleri** prodott mid-difiza xehed nhar l-14 ta' Frar, 2023.[11] Jghid li fis-16 ta' Mejju, 2022, kien qam normali u ra karozza pparkjata fi Triq Raddett ir-Roti, Xemxija qudiem ir-residenza tieghu. Ghalhekk cempel lill-pulizija. Jghid li ghamel dan ghaliex erbat ijiem qabel kien hemm incident iehor meta giet sfrattata laqgha li kellhom dwar il-condominium. Mistoqsi ghaliex kien giet sfrattata jghid li hu ma kienx prezenti izda kien sema' hekk.

Meta cempel lill-pulizija ttawwal mit-tieqa u ra lis-sinjura Faniello, lil Noel u lil Barth. Imbaghad ra lis-sinjura Barth diehla gewwa u sema tisbita mal-bieb qawwija. Ir-reazzjoni tieghu meta fetah il-bieb kien '*x'gara x'gara.*' Qaltlu li riedet is-sodisfazzjon ghaliex kienu cemplu lill-pulizija. Jghid li kien cempel lill-pulzija sabiex dawn icemplulha u jghidulha tnehhi l-karoza u tieqaf hemm u b'hekk jikkalmaw l-affarijiet.

Wara ftit giet Faniello rrabjata u tistaqsih ghaliex kien cempel lill-pulizija Huwa wegibha li ma kien ghamel xejn hazin, x' hin qal hekk Faniello bdiet tghid li ma tibza' minn xejn. U li '*ma tibzax minn l-awtorita' u li ma tibza minn hadd*'. Huma ma wegbuhiex, jghid li kienu wicc imb' wicc. Din giet u kwazi dahlet ghandhom u Carmel minn warajh ghax hu kien quddiemu imbuttaha 'l barra. Jigifieri hi kienet bin-nuccali. Qal li l-appellant imbuttaha ghax beza' minnha u dan ghaliex haseb li kienet ser tiggrava s-sitwazzjoni. Imbaghad dahlu gewwa u ghalqu l-bieb. Qal li meta imbutta lil Faniello 'l barra din gja kienet fil-proprjeta taghhom. Id-diskors ezatt kien li hi ma tibza minn hadd. Qal li meta kienu sejrin ghand il-pulizija biex jaghmlu ir-rapport regghu iltaqghu fit-triq u rega' sar xi diskors u Faniello bdiet tinsulenta lill-appellant Bdiet

[11] Fol. 55 ta' l-atti

tghidlu '*Ja pufta li taqilghu f'sormok*'. Mistoqsi jekk qalx dan id-diskors lill-pulizija jghid li qalilhom.

Il-Qorti rat ic-certifikat mediku esebit fl-atti nhar il-25 t' Ottubru, 2022 mill-prosekuzzjoni, liema certifikat gie rilaxxjat minn Dr. Jonathan Grech nhar is-26 ta' Mejju, 2022. Minn ezami ta' dan ic-certfikat jirrizulta li Anna Faniello giet ezaminata fil-Mosta Health Centre ghall-habta tas-13.21p.m u t-tabib ra li kellha *Bruised upper lip right side, haematoma 1cm diameter no laceration u Laceration 0.2 cm in diameter internal aspect of right upper lip.*

Dawn il-feriti gew klassifikati bhala feriti hfief ta' konsegwenza zghira.

Dan ic-certfikat gie konfermat mit-tabib fl-affidavit li rrilaxxja u li jinsab esebit fl-atti a fol. 22.

Rat ukoll l-okkorenza esebita fl-atti a fol. 13 rilaxxjata minn PC2375 Mary Zammit a fol. 13.

Illi minn ezami tas-suespost jirrizulta li kollox jiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda u lil min ghandha temmen din il-Qorti u dan ghaliex in breve Anna Faniello tghid li l-appellant kien taha daqqa ta' harta fuq wicca u kkagunalha feriti ta' natura hafifa fuq wiccha kif certifikati minn Dr. Jonathan Grech waqt li l-appellant kif kolloborat minn siehbu Ronald Camilleri jghid li kull ma ghamel nhar is-26 ta' Mejju, 2022, kien li mbotta lill-Anna Faniello 'l barra u dan ghaliex kienet dahlet zewg passi fil-flat taghhom u beza' minnha u beza' li l-kwistjoni kienet ser tikber.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (5 ta' Dicembru, 1997) fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v

Peter Ebejer, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 t' Ottubru, 1998, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et** gie ritenut li:

> *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale[12] :-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Fil-kawza odjerna l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz kollu fuq ix-xhieda ta' Anna Faniello. Jirrizulta li Anna Faniello tghix fllimien ma' Veronica Barths fl-appartament numru 4 fl-istess blokka ma l-akkuzat li jghix ma Ronald Camilleri fl-appartament faccata fuq l-istess indana. Anna Faniello tghid a tempo vergine tal-investigazzjoni meta rrapportat l-incident lill-pulizija nhar is-26 ta Mejju, 2022, kif del resto jirrizulta rapportat fl-okkorenza li l-appellant qabad u ta' daqqa fuq wiccha ftit wara Ronald kien qed jippunta subajh ma wiccha. Dak il-hin Anna tghid li qaltlu 'int mara tigi issawwat'. Anna spjegat li wara dan l-incident l-appellant qal lil Ronald biex jidhol gewwa u hija flimkien ma Veronica rtiraw gewwa l-flat ta' Veronica.. Tghid ukoll li meta mbaghad aktar tard harget mill-flat biex tmur taghmel rapport l-ghassa l-appellant ghajjarha 'mignuna'. Din hija l-istess verzjoni li zammet maghha tul l-kaz kollu u dan ghaliex PC 2375 Mary Zammit taghti l-istess verzjoni tal-fatti.

[12] Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1980

Illi din il-Qorti jidhrilha li l-prinċipju li johroġ minn dawn il-konsiderazzjonijiet ghandhom ukoll jiġu applikati f'dan il-każ fejn l-eżami tal-konsistenza u l-kredibbilita ta' xhud isiru determinanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Jinghad li t-termini tal-kwerela jsiru ammissibbli basta li din issir fl-ewwel opportunita wara l-kommissjoni tar-reat li ragonevolment tippreżenta ruħha. U f'dan is-sens allura t-termini tal-ilment isiru importanti mhux daqstant sabiex jiġu pruvati l-fatti kwerelati daqskemm biex iservu ta' korroborazzjoni tal-verżjoni tal-kwerelant nonche evidenza tal-konsistenza tal-imgieba tal-kwerelant, wara li ssir il-prova ta' dawn il-fatti.

Min naha l-ohra Carmel Attard jghid li dan mhux minnu izda kull ma ghamel kien li min wara Ronald qabad u imbuttaha l' barra. Ma jghidx minn fejn imbuttaha anke meta gie mistoqsi mill-avukat difensur tieghu fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2023, (fol. 52) minn fejn imbuttaha huwa wiegeb '*Imbuttajtha ma missejtiliex wiccha'*. L-kwerelanti Anna Faniello tghid ukoll li l-pulizija baghtuha taghmel certifikat tal-feriti li subiet u hija ghalhekk marret l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta u hemmhekk giet ezamianta minn Dr. Jonathan Grech li kkonferma li f'wiccha dakinhar tas-26 ta Mejju, 2023, meta ezmaminha ghall-habta ta' 13.21 p.m hija kellha tbengila fuq ix-xoffa fuq il-parti leminija 1cm dijametru u qasma fix-xoffa ta' fuq minn naha ta' gewwa, 0.2mm dijametru.

Illi huwa prinċipju ben stabbilit li xhud wieħed, jekk emmnut, huwa biżżejjed biex tigi pruvata xi mputazzjoni. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita lill-Faniello li tat verzjoni li hija verosimili. Illi ghalhekk in vista ta' tali provi din il-Qorit ma ssib xejn x'ticcensura f'dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna t' Anna Faniello.

Jidher pero' li fit-tieni aggravju l-appellant qed jilmenta li l-Ewwel Qorti ma tatx kaz tad-difiza imressqa minnu u cioe' dik tal-legitttima difesa u dan ghaliex jghid li huwa hassu mbezza' minn Anna Faniello u ghamel dak li ghamel skond hu li mbottaha 'l barra ghaliex haseb li l-incident kien ser jiskala. Fix-xhieda tieghu l-appellant jghid ex-admisses li huwa imbotta (ghalkemm l-kwerelanti tghid li taha daqqa f'wiccha) lil

Anna Faniello *'sforz il-biza li kelli.'*[13] Aktar tard jghid ukoll fix-xhieda tieghu tas-seduta tal-14 ta' Frar, 2023, (disgha xhur wara l-akkadut) li' *li kieku ma imbuttajtiex' l' barra kieku kien ser jigri d-demm. Jien hakimni biza' kbir dak il-hin*[14].' Jinghad ukoll f'dan ir-rigwad li meta l-appellant gie mitkellem mill-pulizija a tempo vergine tar-rapport li sar maghhom dakinhar tal-incident huwa fl-ebda hin jghid li l-incident kien ser jiskala jew li beza' minnha. Jghid biss li huwa imbuttaha sabiex ma tigix fl-idejn ma Ronald Camilleri. Fl-ebda hin ma jghid li hu beza' minnha jew li kienet ser taggredih. Qal li mbuttaha biex ma tigix fl-idejn ma Camilleri. Pero' fl-ebda hin ma jghid li hija ttentat thebb ghalih jew ghal dan Camilleri. Kull ma jghid hu li kienet irrabbjata ghaliex kien ipparkja b'tali mod li kien qed jostakola l-hrug bil-vettura taghha.

L-**Artikolu 223 tal-Kapitolu 9** li jiddisponi:

> *"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna … … huma mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."*

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-elementi rikjesti mill-ligi, sabiex tara jekk dak nvokat mid-difiza tal-legittima difesa ghandux bazi. Il-principju tal-leġittima difiża gie ampjament spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Roseanne Debattista) vs Tony Curmi et</u>**[15], fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali irrimarkat*:*

> *"Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna til a' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħol ot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min ed juri*

[13] Fol. 51 ta' l-atti
[14] Fol. 52 ta '-atti
[15] 27 ta' Ġunju 2017, Kumpilazzjoni Nru 1366/2012 per Magistrat Consuelo Scerri Herrera

*jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjega Antolisei –*

*"occorre in fine che l'aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale."*

*Fil-Manuale di Diritto Penale Generale pg 261, insibu li"pericolo attuale e' il pericolo presente."*

*[...]*

*Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi mil għuha. Ċioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioe li f'dak il-mument li kien ed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel jew x'messu għamel id-difensur (imputat) abel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza.*

*Fil-fatt kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu:*

*"the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioe imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit; [...]*

*[...][F]id-difesa leġittima, huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn [...] għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioe l-imputat.*

*Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u errors of judgement."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 t' Awwissu, 1998, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro</u>** gie ritenut illi: "*Mhux kull minnn "jagixxi biex jiddefendi ruhu*" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-**bzonn attwali** ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli." (sottolinear ta' dik il-Qorti)

Ghalhekk id-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lill-imputat, jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tal-imputat jew ta' haddiehor. L-imputat irid jipprova li dak li ghamel ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita il-perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u s-sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw li mhux bizzejjed li wiehed jghid x'seta' ghamel jew xi jmissu ghamel l-imputat, qabel ma ha l-azzjoni in difiza bl-uzu tal-forza.

Illi fil-kaz in ezami din il-Qorti ma thossx li l-biza li kellu l-appellant ma kienx wiehed attwali ghaliex huwa kien qed izomm f'mohh l-allegat inident li kien sehh xi jiem qabel u lanqas ma hi tal fehma li l-biza kien assolut u cioe li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor ghaliex kieku verament imbuttaha l-barra u mhux taha daqqa f'wiccha u ghalaq il-bieb warajha kif del resto ghamel wara li taha d-daqqa ma kienx iqum l-incident mertu ta' din il-kawza. Ic-cirkostanzi ma kienux tali f'dak il-hin sabiex l-appellant jigi mahkum minn tali biza' kif del resto jghid fix-xhieda tieghu disa' xhur wara l-akkadut. Ghalhekk din id-difiza qed tigi rigettata.

Dwar it-tielet aggravju l-appellant isostni li l-piena moghtija fir-rigward il-multa ta' mitejn u hamsin euro (€250) oltre l-Ordni ta' trazzin ghall-perjdou ta' tlett snin hija wahda eccessiva.

Jinghad in principju li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[16]:

> *'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[17]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[18] *u ohrajn.)'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[19]: il-Qorti kkunsidrat li:-

> *'Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena*

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[17] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[18] Deciza fl-24 ta' April, 2003
[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

*sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.'* Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li *'stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l- appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.'*

Issir referenza ukoll ghall-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci</u>**, fejn gie ritenut li ;-

*"mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva.*

Dan ghax, kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler</u>**[20]:-

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard</u>**[21]"*

Fi-kaz in ezami l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza u kkundannatu multa ta' mitejn uhamsin euro (€250). Il-Qorti rat li din il-multa taqa' fil-parametri tal-ligi u lanqas ma' hija lejn il-massimu taghha u ghalhekk tali multa hija gustifikata.

[20] Deciz fis-26 ta Frar 2009 Appel Kriminali Suoerjuri
[21] Deciz fl-20 ta Mrzu 2009 Appel Kriminali Supejuri

L-apellant jilmenta ukoll mill-perjodu moghti ghall-Ordni ta′ trazzin u cioe′ ghal dak ta′ tlett snin. Din il-Qorti nnutat li l-partijiet u cioe′ l-appellant u l-kwerelanti huma girien u sfortunatament jidher li r-relazzjoi ta′ bejniethom hija wahda dghajfa stante li jirrizulta li kien hemm incidenti antecidenti li setghu gew rapportati lill-pulizija u ghalhekk fic-cirkostanzi bil-ghan li l-appellant jinzamm il-boghod mill-kwerelanti Anna Faniello billi ma javvicinahiex jew isegwi l-passi taghha u ma jikkomunikax jew jikkuntantajaha jew jimmolesta ghall-perjodu moghti ta′ tlett snin huwa gustifikat. Fir-rigward tal-Ordni tat-trazzin fil-konfront ta′ Veronica Barth din il-Qorti rat li Veronica Barth ma kienitx parti mill-kawza u cioe′ ma kienitx kwerelanti u ghalhekk tali Ordni qed tigi revokata fil-konfront taghha.

Din il-Qorti ghalhekk qieghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fejn sabet htija fil-konfront tal-ewwel akkuza u lliberat lill-appellant mit-tieni akkuza qieghda ukoll tikkonferma l-Ordni ta′ Trazzin mahrug fil-konfront ta′ Anna Faniello ghall-perjodu hemm indikat u tikkonfermaha fir-rigward tal-multa inflitta fuq l-appellant izda tirrevoka f′dik il-parti fejn ordnat il-hrug t′ Ordni ta′ Trazzin fil-konfront ta′ Veronica Barth.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**